REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/292

tal-24 ta' Frar 2015

li japprova d-diossidu tal-karbonju bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodott tat-tip 15

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 90(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Frar 2012, il-Pajjiżi l-Baxxi rċevew applikazzjoni, skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), għall-inklużjoni tas-sustanza attiva diossidu tal-karbonju fl-Anness I tagħha għall-użu fi prodott tat-tip 15, avviċidi, kif definiti fl-Anness V ta' dik id-Direttiva.

(2) Il-Pajjiżi l-Baxxi ppreżentaw rapport ta' valutazzjoni, flimkien mar-rakkomandazzjonijiet tagħhom, lill-Kummissjoni fit-30 ta' Awwissu 2013 skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 98/8/KE.

(3) L-opinjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ġiet ifformulata fis-17 ta' Ġunju 2014 mill-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali, fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni.

(4) Skont dik l-opinjoni, il-prodotti bijoċidali użati għall-prodott tat-tip 15 u li fihom id-diossidu tal-karbonju huma mistennija jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/8/KE, sakemm ċerti speċifikazzjonijiet u kundizzjonijiet li jikkonċernaw l-użu tiegħu jiġu ssodisfati.

(5) Għaldaqstant, huwa xieraq li l-użu tad-diossidu tal-karbonju fil-prodotti bijoċidali għall-prodott tat-tip 15 jiġi approvat, soġġett għall-konformità ma' ċerti speċifikazzjonijiet u kundizzjonijiet.

(6) Billi l-valutazzjoni ma indirizzatx in-nanomaterjali, l-approvazzjoni ma għandhiex tkopri tali materjali skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-diossidu tal-karbonju għandu jiġi approvat bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodott tat-tip 15, soġġett għall-ispeċifikazzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

([2]) Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1).

ANNESS

Isem Komuni	Isem tal-IUPAC Numri tal-Identifikazzjoni	Grad minimu ta' purità tas-sustanza attiva (1)	Data tal-approvazzjoni	Data tal-iskadenza tal-approvazzjoni	Tip ta' prodott	Kundizzjonijiet speċifiċi (2)
Diossidu tal-karbonju	Isem tal-IUPAC: Diossidu tal-karbonju Nru tal-KE: 204-696-9 Nru tal-CAS: 124-38-9	999 mL/L	fl-1 ta' Ġunju 2015	fil-31 ta' Mejju 2025	15	Il-valutazzjoni tal-prodott għandha tagħti attenzjoni partikolari għall-esponimenti, ir-riskji u l-effikaċja marbuta ma' kwalunkwe użu kopert minn applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni, iżda mhux indirizzat fil-valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni tas-sustanza attiva. Għall-prodotti bijoċidali, l-awtorizzazzjonijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: (1) Il-prodotti għandhom jiġu fornuti biss lil professjonisti mħarrġin u użati minnhom biss. (2) Għandhom jittieħdu miżuri xierqa, inkluż, jekk meħtieġ, id-disponibbiltà ta' tagħmir personali protettiv (TPP), għall-protezzjoni tal-utenti. (3) Għandhom jittieħdu miżuri xierqa, bħall-esklużjoni miżżona tat-trattament, sabiex jitħarsu l-persuni li jkunu fil-qrib. (4) Id-dożi ta' applikazzjoni u l-istruzzjonijiet għall-użu għandhom jiżguraw li t-tjur jinqatlu mingħajr uġigħ u tbatija bla bżonn. (5) Il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jispeċifikaw li d-diossidu tal-karbonju għandu jintuża jekk ma jkunx hemm għażla oħra, fil-kuntest ta' strateġija ta' ġestjoni integrata tal-organiżmi ta' ħsara, li l-għan tagħha għandu jkun li tillimita għall-minimu r-rikors għal tali prodott.

(1) Il-purità indikata f'din il-kolonna kienet il-grad minimu ta' purità tas-sustanza attiva użat għall-evalwazzjoni li saret b'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Is-sustanza attiva fil-prodott imqiegħed fis-suq jista' jkollha l-istess purità jew purità differenti jekk ikun ġie ppruvat li hija teknikament ekwivalenti għas-sustanza attiva evalwata.

(2) Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji komuni tal-Anness VI tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, il-kontenut u l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-valutazzjoni jinsabu fuq is-sit tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/environment/chemicals/biocides/index_en.htm.